# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 234/2014**

Il-Pulizija

vs

**Gemma Spiteri**

bint Joseph, imwielda z-Zejtun, fit-2 ta' Gunju, 1951, detentur tal-karta tal-identita' numru 466051(M)

Illum 24 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanta Gemma Spiteri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fis-sbatax ta' Settembru, 2008 għal ħabta ta' 08.00hrs, bla ħsieb biex tisraq jew tagħmel ħsara iżda biex biss teżerċita jedd li tippretendi li għandek, ġegħelt bl-awtorita' tiegħek innifsek lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew ħattejt bini, jew ksirt il-rnixi tal-ilrna jew ħadt ilma għalik jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi, indħalt fi ħwejjeħ ħaddieħor billi ħattejt ħajt divizorju bejn il-propjeta tiegħek u dik ta' Raymond Axiaq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-29 ta’ Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, kkundannatha €200 multa. Ordnat lill-imputata li tqiegħed għall-kollox il-ħajt fl-istat ta’ qabel l-ispoll fi żmien xahar. Fin-nuqqas bl-applikazzjoni tal-Artikolu 377 tal-Kap. teħel ammenda ta’ €23 għal kull ġurnata li tonqos.

Rat ir-rikors tal-appellanta Gemma Spiteri minnha ppreżentat fil-5 ta’ Ġunju, 2014 fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tat-30 ta' Ġunju 2014 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura billi tilliberaha minnha u fin-nuqqas tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma għamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti. Il-Qorti bbażżat is-sentenza fuq il-fatt li l-appellanta kienet l-unika waħda li kellha ċ-ċavetta. Dan ma kienx il-każ għaliex anki persuni oħra li kienu qed jaħdmu fil-propjeta in kwistjoni kellhom aċċess u b'hekk wieħed jista' jikkonkludi li anki terzi persuni kellhom l-aċċess u interess li jwaqqa’ dan il-ħajt;

Illi mingħajr pregudizzju għas- suespost l-akkuża ta' ragonfattasi ma jikkwadrax ruħu fil-fatti kif ġew esposti peress li se mai kellha tiġi akkużata bi reat kompletament differenti, dik li għamlet ħsara volontarja fuq propjeta. Il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-appellanta fixklet il-pussess tal-parte civile. Jidher ċar li m' għamiltx hekk.

Illi l-appellant tixtieq tappella mis-sentenza peress li ġiet kkundannata li tqiegħed il-ħajt fl-istat ta' qabel u dan a tenur ta' l-Artikolu 377(3), iżda bir -rispett kollu dan l-artikolu jagħmel referenza għall-ordna tat-"tneħħija ta' kull disordni jew inkovenjent li bih sar ir-reat". Mill-atti m'hemm l-ebda disordni u l-anqas inkonvenjent hemm sempliċiment ħajt li twaqqa’ u dan ma jikkostitwix dak li l-leġislatur kellu intenzjoni li jirregola.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 li jirrigwarda l-eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet.

Illi kif diversi drabi ritenut fil-ġurisprudenza tagħna l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma erbgħa kif ben ikkwotat mill-Ewwel Qorti huma s-segwenti:

1) Att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espresso jew presunta, ta' dan il-ħaddieħor;
2) Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eserċizzju ta' dritt;
3) Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika u
4) In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara . App. Krim. 'Il-Pulizija vs Carmel magħruf bħala Charles Farrugia 17.02.1995, App. Krim. Il-Pulizija vs Spiro Bartolo 9.01.2006, il-Pulizija vs Reno Micallef 6.06.1995 u oħrajn)

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti Raymond Axiaq huwa spjega li għandu propjeta' li tmiss ma' dik tal-imputata. Meta xtara l-propjeta' kienet parti bini u parti għalqa u kien hemm ħajt tas-sejjieħ li kien jaqsam l-għalqa tiegħu mill-ġnien tal-imputata. Huwa jgħid li kien hemm ftehim bejnu u bejn l-imputata li dan il-ħajt iwaqqgħu u jibnieh a spejjeż tiegħu pero' tal-kantun. Meta waqqa' dan il-ħajt minfloku tella' ħajt dobblu bil-bricks nofsu fuq l-arti tiegħu u nofsu fuq tagħha.Wara I sena kienet ilmentat li kienet soffriet xi ħsarat, kellmu l-perit tagħha x'għandu jagħmel u f'daqqa waħda sab il-ħajt mwaqqa'. Sussegwentement kient reġa' tella' l-ħajt pero' reġa' twaqqa'. Il-periklu huwa lli peress li twaqqa' dan il-ħajt , il-ħitan laterali ma huma qed jistrieħu fuq xejn. L-aħħar darba li tella' l-ħajt bnieh fuq żewġ qoxriet, qoxra fuq in-naħa tiegħu u qoxra oħra fuq in-naħa tagħha.

Il-Perit Mario Cassar xehed quddiem l-Ewwel Qorti u ma kienx f'kundizzjoni li jiġbor xhieda għax l-avukat tal-istess imputata qallu li peress li mhux ser ikun hemm l-avukati preżenti ma jistax jiġbor

xhieda u b'hekk għamel aċċess biss. Huwa xehed li l-mod kif twaqqa' l-ħajt ma setax jitwaqqa' bir-riħ u l-probabbilita' hija li xi ħadd imbuttah għal fuq il-fond tal-parte ċivile b'ċertu forza. Inoltre, huwa jispjega li waqt l-istess aċċess l-imputata bdiet 'bi tbissima tgħid li waqgħettu hi l-ħajt'. (Folio 17)

Xehed ukoll il-bennej Eugenio Cassar li kien qed jieħu ħsieb is-sit tax-xogħol ta' Raymond Axiaq. Huwa jgħid li l-ħajt rah mibni u anke tellgħu ħajt ieħor u saqqfuh iżda wara ċertu żmien sabuh imwaqqa'. Huwa jiddeskrivi fid-detall kif reġgħu bnew dan il-ħajt '*għax kien perikoluż għax kien hemm saqaf kbir qed jistrieħ fuqu u għadni sallum ma nafx kif għadu jżomm hemm iġifieri. U wara xi jumejn, tlieta meta ergajna tellgħajnieh konna mlejnieh bil-konkos u tfajna vierg imma ma laħaqx tella' s-saħħa u wara qisu jumejn* ***mhux qalgħu, farrkuh ,tawh daqqiet bil-mazza*** *.* ***Jien kull ma naf, waħda tgħid li hi u jiġi ħuha u jgħid li hu waqqgħu.'*** (Fol 36). A folio 39 , huwa jgħid li l-imputata kienet qaltlu li kienet waqqgħatu hi l-ħajt:

*'Avukat: Tista' tgħidilna x'qalet wara li twaqqa' l-ħajt ?'*
*Xhud: Darba minnhom qalet li waqqgħetu hi*
*Avukat : Lilek qalet hekk?*
*Xhud: Iva qalet lilna…….'*

Huwa kien ġieħ f'moħħu li jista' jkun li kien waqqgħu ħuha għax hekk kien tah x'jifhem ukoll imma żied li ma jfissirx li mara mhux kapaċi tkissru hekk.

Ix-xhieda tal-Perit Mario Cassar tagħmilha ċara li l-mod kif twaqqa' l-ħajt juri li kien xi ħadd li imbuttah minn naħa tal-imputata u mhux xi ħadd mar fuq il-fond tal-parti ċivile u kissru. Dan jidher anke mir-ritratti esebiti mill-istess perit tekniku.( fol 22-27) tar-rapport preżentat. Inoltre, il-bennej jiddeskrivi t-twaqqiegħ tal-ħajt bħala mfarrak u jgħid li kienet qaltlu li waqqgħetu hi l-ħajt in kwistjoni għalkemm din il-ħaġa ma ġietx rekordjata, meta reġa xehed quddiem din il-Qorti il-Perit u kien għadda ż-żmien ftakar dwar din l-affermazzjoni tal-imputata matul l-aċċess.

Meta reġa xehed quddiem din il-Qorti Raymond Axiaq jgħid is-segwenti:

*U ammettiet miegħi li waqqatu hi u anke l-Għassa quddiem*

*l-Ispettur jew il-Pulizija,*

*meta morna qaltilhom jiġifieri dan.*

Meta xehdet quddiem din il-Qorti l-appellanta għalkemm taħlef ħafna drabi li mhux hi kissret il-ħajt, din il-Qorti ssibha diffiċli temmen xhud li tgħajjar lil kulħadd giddieb u qas tagħmel sens fl-istess xhieda tagħha.

Jekk effetivament kisritux hi  bil-mazza jew qabditx lil xi ħadd ikkissru għaliha hija irrelevanti għax l-aċċess għal dan il-ħajt minn ġol propjeta' tagħha biss setgħa jingħata apparti dik tal-istess parti ċivile u hi kellha l-interess li ma jitlax dan il-ħajt u mhux il-parti ċivile. Inoltre, żgur ma kienx ser jibni ħajt darbtejn u joħloq periklu għal bini tiegħu stess bil-mod kif tkisser.  Skont ix-xhieda tal-bennej ,  ħuha kien qalilhom fost ħafna kliem oxxen li kien kissru hu l-ħajt għax dik hija l-propjeta' ta' oħtu u qed tgħid li kissritu hi biex tagħttilu.

Għalhekk din il-Qorti  tikkonferma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qed tichad l-appell ta' Gemma Spiteri u tikkonferma s-sentenza appellata.